MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 32/1997/1

**Carmelina Scicluna**

**vs**

**Paul Farrugia u b'digriet tal-14 ta' Jannar 1999 gie kkjamat in kawza John Farrugia**

**Il-Qorti,**

Dan huwa appell minn digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-7 ta' Frar 2002 li permezz tieghu dak il-Bord cahad it-talba tal-intimati ghan-nomina ta' espert kalligrafiku.

L-aggravju ta' l-appellanti kontra dan id-digriet jinsab redatt f'dawn it-termini:-

1. Illi fl-ewwel lok, ic-cahda li jigi nominat espert kaligrafu hija f'dan il-kaz denegata gustizzja stante illi l-intimati ser jigu mcahhda milli jgibu prova li l-kitba fuq il-qoxra tad-dokument ED1 m'hix il-kitba taghhom imma tar-rikorrenti stess jew ta' nies li jigu minnha.

2. Illi b'din il-prova l-intimati ikunu pprovaw illi minkejja illi r-ricevuta inharget fuq Paul Farrugia effettivament din kienet tinhareg lilu ghan-nom ta' Farrugia Brothers kif jixhed il-ktieb tar-ricevuti stess.

3. Illi l-kitba fuq il-ktieb tar-ricevuti jinhtieg li jigi eskluz bl-iktar mod kategoriku li setghet issir mill-intimati ahwa Farrugia stante illi huma inalfabeti u illi din saret mir-rikorrenti u/jew min nies minnha mqabbda minnha.

4. Illi l-espert kaligrafu huwa l-unika persuna li tista' titfa' dawl definitiv fuq l-awtur tal-kitba fuq il-qoxra tal-ktieb u konsegwentement fuq il-kwistjoni mertu tal-kawza u cioe' jekk il-kera originali kienetx maghmula favur l-intimat Paul Farrugia f'ismu jew alternattivament favur Farrugia Brothers.

Minn naha taghha r-rikorrenti appellata wiegbet b'dawn l-osservazzjonijiet:-

Fir-Rikors taghhom l-appellanti jsostnu li huma jixtiequ jipprovaw li l-kitba "Farrugia Brothers" fuq il-qoxra tal-ktieb tal-ircevuti relattiv ghall-kirja *de quo* saret mill-esponenti jew minn persuni li jigu minnha u ghalhekk, skond huma, minkejja li r-ricevuta inharget fuq Paul Farrugia effettivament din kienet tinhareg lilu ghan-nom ta' Farrugia Brothers. L-appellanti jsostnu li sabiex issir din il-prova irid jigi nominat espert kalligrafu sabiex iqabbel il-firem tal-partijiet.

Ir-raguni fondamentali ghalfejn l-appell tal-appellanti ghandu jigi michud hija li anki kieku stess kellu jigi provat li l-kitba saret mill-esponenti jew minn xi qarib taghha, xorta wahda dan *di per se* ma jfissirx li b'xi mod seta' kien hemm ir-rikonoxximent ta' xi inkwilini ohra apparti l-appellant Paul Farrugia.

Ghalhekk, il-prova li l-appellanti jridu jressqu permezz tal-perizja kalligrafika hija kompletament irrilevanti fil-kunest tal-mertu tal-proceduri quddiem il-Bord u sservi biss biex ittawwal inutilment l-istess proceduri u zzid l-ispejjez.

Qabel xejn, irid jinghad li din il-vertenza hija regolata mill-principji kontenuti fl-Artikoli 558 u 560 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta: "Kull prova ghanda tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet". (Artikolu 558) u "Il-qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li mhix rilevanti jew li hija zejda, jew li jidhrilha li mhix l-ahjar prova li l-parti tista' ggib." (Artikolu 560 (1)).

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi r-ricevuti kontenuti fil-ktieb in kwistjoni dejjem inhargu lill-appellant Paul Farrugia u lilu biss. L-intenzjoni ta' min kien qed johrog ir-ricevuti hija cara: huwa kien qed jirrikonoxxi biss lil Paul Farrugia bhala inkwilin tal-fond de quo u lil hadd aktar. L-argument tal-appellanti, li l-kitba "Farrugia Brothers" fuq il-qoxra tal-ktieb tar-ricevuti, kemm-il darba din tigi provata li saret mill-esponenti jew minn xi hadd li jigi minnha, tista' tindika xi forma ta' rikonoxximent da parti tal-esponenti ta' inkwilini ohra apparti Paul Farrugia huwa argument sforzat u li ma jsibx il-konfort tas-sentenzi nostrani.

Kif gie sewwa rilevat mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza tieghu tad-29 ta' Marzu 1994, fl-ismijiet *Il-Prokuratur Legali Joseph Galea et vs Edwin Borg*, sussegwentement konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 28 ta' Gunju 2001 [Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri – 28/6/2001 – Rik. Nru. 133B/88 GC]:-

Sabiex jista' jinghad li hemm rikonoxximent ta' inkwilin daparti tas-sid tali rikonoxximent ghandu jirrizulta b'mod car u inekwivoku. (sottolinear mizjud).

Tezijiet ferm aktar kredibbli minn dik prezentata mill-appellanti odjerni wkoll gew meqjusa li ma jikkostitwux prova certa u inekwivoka ta' rikonoxximent ta' inkwilin

gdid. Per ezempju, f'*Il-Prokuratur Legali Joseph Galea et v. Edwin Borg*, imsemmija aktar 'l fuq gie ritenut illi:-

Il-hlas ta' kera jista' da parti ta' terzi pero' ma jfissirx illi l-istess terzi qed jigu rikonoxxuti bhala l-inkwilini tal-post. Il-fatt illi f'pubblikazzjonijiet ufficjali l-fond inkwistjoni hu moghti bhala l-indirizz tas-socjeta` ma jfissirx illi s-socjeta` hi l-inkwilina tal-istess fond in kwistjoni. Lanqas ma jfisser illi s-socjeta' giet rikonoxxuta bhala l-inkwilina peress li kien hemm tabelli mal-fond in kwistjoni bl-isem tal-istess socjeta`.

Huwa ghalhekk difficli li wiehed jifhem kif il-kitba in kwistjoni, anki kieku stess saret mill-esponenti, tista' b'xi mod tikkostitwixxi prova cara u inekwivoka ta' rikonoxximent ta' xi inkwilini ohra apparti l-appellant Paul Farrugia, u ghalhekk hija kompletament irrilevanti.

It-tezi proposta mill-appellanti hija aktar u aktar dghajfa ghal dak li jirrigwarda l-possibilita` li l-kitba setghet saret minn xi qarib tal-esponenti. L-esponenti hija l-unika sid tal-fond in kwistjoni u kienet hi biss li *se mai* setghet tirrikonoxxi xi inkwilin gdid fil-kirja. Kemm-il darba kellu jirrizulta li l-kitba saret minn xi qarib tal-esponenti jew terz iehor, l-appellanti sabiex jirnexxu fl-argument taghhom, jridu jipprovaw ukoll illi tali agir jikkostitwixxi rikonoxximet car u inekwivoku da parti tat-terz u li tali rikonoxximent jorbot lill-esponenti [Ara dwar il-poteri tal-mandatarju sentenza tal-Qorti tal-Kummerc *Vassallo v. Ebejer* – 17/3/1936 – Koll. Vol. XXIX K.III.245.]. Ir-Rikors tal-Appell huwa ghal kollox sieket dwar dawn l-elementi. Jibqa' pero' il-fatt illi s-semplici prova kalligrafika, wahedha ma tfisser assolutament xejn f'dan il-kuntest.

Applikazzjoni tal-principji kontenuti fl-Artikoli 558 u 560 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrikjedi li l-appell tal-appellanti jigi michud u d-digriet appellat jigi konfermat.

Gie dejjem ritenut illi f'materja ta' rilevanza, jew superfluwita`, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux ghal motivi gravi bhal per ezempju "xi vjolazzjoni tal-

ligi u xi pregudizzju ghal xi hadd mill-kontendenti” (**Francis Camilleri noe et –vs- John Sergeant**”, Appell Civili, 12 ta’ Novembru 1954).

“*E` massima accettata della nostra giurisprudenza (V. Appello, 30 Giugno 1919, “**Kilumal –vs- Ramchand**”, Collez. XXIV pI p104), che il giudizio emesso dal tribunale di primo esame circa la rilevanza o meno dei mezzi probatori sottomessi a sostegno delle domande e delle eccezzioni, giudizio comendato dal precetto legislativo che, all’articolo 572 Procedura Civile (illum Art 560 tal-Kap 12), fa obbligo alla Corte di rigettare qualunque prova che credesse irrilevante o superflua, e` di regola, meno in casi eccezzionali, incensurabile in Appello, reintrando esso nei poteri discrezionali accordati a ciascun tribunale, salva beninteso la facolta della Corte d’Appello, se adita sul merito, di pronunciarsi diversamente sulla produzione delle prove, ammettendo come rilevanti quelle dalla prima Corte respinta e viceversa*” – “**Sir Gerald Strickland –vs- Goffredo Critien pro et nomine**”, Appell Civili 26 ta’ April 1929.

Dan l-istess taghlim japplika fil-kaz ta’ digriet ta’ cahda jew akkoljiment ta’ talba ghan-nomina ta’ periti gudizzjarji. Ara “**Victor Abela nomine –vs- Dottor John Dunbar Vella nomine**”, Appell Kummerc, 10 ta’ Marzu 1939, a Vol XXX pI p737.

Issa r-regolament tal-provi issir skond kif provvdut f’Titoli I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

L-Artikolu 558 jibda biex jipprovdi li “*kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwestjoni fil-kawza bejn il-partijiet*”. Li jfisser li tali prova tkun ammissibbli jekk hija logikament rilevanti ghall-fattijiet in kwestjoni bejn il-partijiet. Dan ifisser haga wahda. Min jipproponi t-talba jehtieglu juri b’konvinciment illi mhux biss tezisti konnessjoni logika izda fuq kollox li din il-konnessjoni tkun b’mod li ghall-anqas mill-prova logikament tingibed inferenza rilevanti.

Minn ezami tal-pretensjoni tal-appellanti fl-ambitu tal-provi processwali din il-Qorti, bhal Bord qabilha, ma tarax liema hi l-inferenza logika li l-appellanti riedu li l-Bord jigbed mill-prova tal-perizja kalligrafika pretiza minnhom. Kif taraha din il-Qorti anke jekk jirrizulta illi l-kitba fuq il-librett tal-kera ma saretx mill-appellanti, allegatament analfabeti, izda minn terzi, kompriz l-appellata jew familjari taghha, dan il-fatt ‘per se’ bl-ebda mod ma jincidi fuq l-aspett fundamentali dwar jekk il-kirja saretx lill-intimat wahdu jew lill-ahwa flimkien, u/jew kienx hemm ukoll ir-rikonoxximent ta’ persuna ohra oltre l-persuna li kontra taghha l-azzjoni giet originarjament promossa.

Din il-Qorti tinklina biex tahseb illi dak li verament iridu jaghmlu l-appellanti hu dak li jdahhlu d-dubju permezz tal-perizja kalligrafika illi l-kitba mhux biss ma saretx minnhom izda fuq kollox li dik l-istess kitba jaghmluha tiffunzjona bhala prova illi l-kirja ma saretx lill-intimat biss. Il-Qorti certament ma tistax tippermetti li wiehed jippeska b’dan il-mod bl-isperanza li l-prova jkollha xi influwenza billi tohloq is-suspett. Dan, ‘multo magis’, imbaghad meta din il-Qorti sincerament ma tara l-ebda validita` jew rilevanza ta’ prova konsimili.

Anke jekk stess bil-prova li jridu jaghmlu permezz tal-perizja kalligrafika kien hemm xi fatt partikolari li minnu jista’ logikament jingibed xi inferenza rilevanti ghall-kawza, il-prova kjave tal-fatt jew fatti partikolari ma tistax issir bil-perizja mitluba, li fil-verita`, kif manifest, ma tistax tkun effettiva ghall-meritu sostanzjali, imma se mai b’mezzi ohra ta’ prova li ex-Artikolu 559 tal-Kap 12 tkun l-ahjar prova.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrigetta l-appell interpost u b’hekk tikkonferma d-digriet moghti mill-Bord li Jirregola l-Kera.

L-ispejjez ta’ dan l-incident jiqba’ a kariku tal-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

---------------------------------TMIEM---------------------------------